TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

CCT/300/12/S

Denisia Bugeja
Vs
Silvio Cauchi ezercenti l-kummerc bhala Ramsil Pet Fashion,

Illum 3 t'Ottubru,2013.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Denisia Bugeja ipprezentata fis-27 ta'Novembru,2012 u r-risposta ta' Silvio Cauchi ezercenti l-kummerc bhala Ramsil Pet Fashion datata 21 ta'Dicembru,2012;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet, kif ukoll it-trattazzjoni maghmula fil-25 ta'Lulju,2013;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda kelba mibjugha bhala 'purebreed shihtzu' u li skont ir-rikorrenti hi 'crossbreed' filwaqt li l-intimat sostna li kienet bil-'pedigree';

Illi jinghad mal-ewwel li mhuwiex accettabbli li konsumatur ma jihux il-kwalita li ghaliha jkun hallas filwaqt li r-rikorrenti trid tipprova dak minnha allegat u dan fuq l-istregwa tal-massima *"incumbit probation ei qui dicat non ei qui negat"* (ara sentenza tal-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri fl-ismijiet 'Gemma Cassar Saetta vs Imco Distributors Limited' moghtija fit-13 ta'Jannar,1999);

Illi meta sar l-ewwel ilment daparti tar-rikorrenti wara sitt xhur minn mindu xtrat il-kelba, l-intimat offra li jiehu l-kelba lura filwaqt li jirrifondi l-flus imhallsa. Din l-offerta ma gietx accettata mir-rikorrenti;

Illi mix-xhieda gie stabbilit li l-Maltese National Canine Federation harget ic-certifikat in kwistjoni minghajr ma giet ezaminata il-kelba. Jigi sottolineat li c-certifikat jinhareg a bazi tad-dettalji moghtija mill-applikant u ghalhekk mhuwiex garanzija ta' ezattezza;

Illi fi kliem l-intimat, ghalkemm il-kelba hi 'shihtzu', din mhijiex tajba ghax-'shows'. Skont l-intimat u dan ma giex kontradett mir-rikorrenti, kieku l-kelba hi tajba ghax-'shows' il-prezz taghha jkun iktar minn elf ewro;

Illi x-xhud Christopher Farrugia ikkonferma li l-kelba in kwistjoni hi tahlita ta' "breeds";

Illi t-Tribunal hu tal-fehma li r-rikorrenti ippruvat dak minnha allegat pero ghazlet li zzomm il-kelba nonostante l-offerta tal-intimat kif fuq inghad,

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati, wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' t-talba ta' Denisia Bugeja filwaqt li Jichad l-eccezzjonijiet ta' Silvio Cauchi ezercenti l-kummerc bhala Ramsil Pet Fashion u Jordna lil Silvio Cauchi ezercenti l-kummerc bhala Ramsil Pet Fashion ihallas lil Denisia Bugeja is-somma ta' €100 stabbilita *ex aequo et bono* u bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri jigu sopportati mill-intimat.

Richard Sladden Av.
Arbitru